**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**Marianna Scerri**

**Kumpilazzjoni 5574/2023**

**Illum, 29 ta' Jannar 2025**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra:

**Marianna Scerri ta' 41 sena bint George u Mary Rose xebba Gauci, imwielda nhar id-19 ta' Awwissu 1981 gewwa l-Pieta Malta, residenti gewwa l-fond F/H Tal-Pirru, Il-Buskett, limiti tar-Rabat u detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 0471181M,**

Akkuzata talli fil-lejl ta' bejn il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju elfejn tlieta u ghoxrin (2023) u s-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju elfejn tlieta u ghoxrin (2023) gewwa l-Buskett u/jew l-ghassa tal-Pulizija tar-Rabat, Malta u/jew bnadi ohra fil-gzejjer Maltin:

1. Ghad illi kienet xurbana, qalet fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut fil-kodici kriminali, offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;

2. Nakkuzaha ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamlet lil Joseph Scerri u PS 2145 Graziella Camilleri, persuna ta' wahda inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

3. Nakkuzaha ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassart, ghamilt hsara, jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' Joseph Scerri u/jew persuni ohra, liema hsara tammonta ghall-aktar minn mitejn u hamsin euro (€250) izda anqas minn elfejn u hames mitt euro (€2,500);

4. Nakkuzaha ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq PS 2145 Graziella Camilleri persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzgha jew li jinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

5. Saqet, ipprovat ssuq jew kienet fil-kontroll ta' vettura bil-mutur, jew vettura ohra fit-triq jew f'post pubbliku iehor wara li tkun ikkunsmat tant alkohol li l-proprozjoni tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun izjed mill-limitu preskritt.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-piena stabilita mill-ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex

jithallsu  l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jekk ikun il-kaz, kif pruvat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni a favur ta' PS 2145 g. Camilleri u Joseph Scerri ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhrilh xieraq.[1]

Rat li l-imputata wiegbet mhux hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha meta giet imressqa b'arrest quddiem il-Qorti.[2]

Rat ukoll tal-fedina penali tal-imputata prezentata in atti mill-prosekuzzjoni[3].

Rat l-istqarrija tal-imputata prezentata in atti a folio 17-19 tal-process.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet.[4]

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

---

[1] Folio 1 u 2 tal-process.

[2] Folio 3 tal-process.

[3] Folio 9 tal-process.

[4] Folio 131-137 tal-process.

**Ikkunsdrat:**
**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwarda incident li l-ewwel li beda kien bejn l-imputata u l-ex ragel taghha certa Joseph Scerri wara li dan gab lil ibnu minn mawra fi Sqallija. Jidher li l-imputata cemplet lill-pulizija ghall-assistenza u ftit tal-hin wara kien propju Scerri li ghamel l-istess. Meta waslu fuq il-post l-pulizija allegatament sabu lill-imputata fi stat ta' sokor, amministrawlha l-breathylizer u din ingurjat u heddet lil PS 2145 Graziella Camilleri.

Hija giet arrestata u tressqet b'arrest biex twiegeb ghall-akkuzi odjerni.

**Ikkunsidrat:**
**Provi:**

Xehdet **PS 2145 Graziella Camilleri** nhar is-27 ta' Ottubru 2023 u qalet li hija kienet xoghol fil-25 ta' Lulju 2023 u ghal habta tal-11.30 ta' bil-lejl meta kienet gewwa l-ghassa tar-Rabat irceviet telefonata minn ghand l-imputata li qalet li hija ma kienitx f'relazzjoni ma' missier it-tifel u li dan tal-ahhar ha il-passaport tal-minuri. Tghid li meta bdiet taghmillha xi domandi relevanti bdiet tkun aggressiva u l-imputata qatghet il-linja. Ftit wara irceviet telefonata ohra minn Joseph Scerri l-ex taghha fejn qal li l-ex-martu sakritu bil-vettura gewwa sqaq u ma setax jitlaq minn fuq il-post.

A folio 31 tal-process tghid: Meta waslet fuq il-post l-imputata bdiet tghid: *'Jien soqt ghal fuqu. Jiena soqt ghal fuqu'*. Tghid li kien hemmek li tatha id-dritiijiet legali u li ppruvat izzomm il-partijiet mifrudin. Tghid li l-minuri beda jghabbiha b'certa diskors sensittiv u li l-ghan ewlieni kien li l-minuri jittiehed gewwa l-klinika tal-Mosta. Il-minuri beda jghid li jekk ahna konna ser inhalluh mal-imputata ommu kien ser '*jitghallaq*'. L-imputata kellmet lil avukat Dr. Turner. Tghid li

l-imputata ma bdietx tobdi l-ordnijiet taghha u qaltilha kemm-il darba biex ma ssuqx il-vettura. Sahansitra kellha tehdilha c-cwievet. Tghid li l-ispettur ordna li jsir il-breathalyser ghax bdejt inxomm riha qawwija fuq l-imputata. Tghid li hi stess bdiet tghid li xorbot il-birra. Tghid infatti it-test immarka 76.2%. Tghid li hija akkumpanjatha d-dar ghax l-ispettur ma ordnax l-arrest. Tghid li pero' ghal habta tat-3.30 ta' fil-ghodu l-imputata marret ma' binha l-kbir Jeremy Scerri l-ghassa u riedet tkun taf fejn hu binha l-iehor il-minuri. Dak il-hin uzat kliem li jiena kont '*qahba u baghtitha tiehdu fost kliem iehor.*' Ghamlet ukoll referenza ghat-tifla taghha. *Tghid li qattghet il-karta tar-rapport u tefghatha go wiccha (wicc is-surgent)* u dan gewwa l-ghassa. Dak il-hin giet arrestata. Hija ezebiet ir-rapport imhejji minnha. Hija spjegat il-procedura u d-drittijiet mal-arrest. Tghid li taf li hemm incidenti ohra ta' certa Jerry Scerri, bin l-imputata ghax jaghmel uzu b'rota mutur kontra il-ligi. Tghid li kienet baghtet ghal ommu, l-imputata u dan anki kellu xi ksur wara incident. Issostni li anki dwar it-tifel iz-zghir kien hemm rapporti.

In kontro-ezami tikkonferma li l-ewwel telefonata dahhlet mill-imputata u wara cempel Joseph Scerri. Tghid li maghha tkellmet dwar il-passaport. Taqbel li l-imputata intalbet biex tmur l-ghassa halli taghmel ir-rapport. Taqbel li s-sinjura toqghod go sqaq il-Buskett. Taqbel li l-imputata kienet qed tohrog mill-isqaq u Scerri Joseph kien tiela' mill-isqaq. Tghid li kien dlam cappa u allura l-pozizzjoni ezatta tal-vetturi ma tridx tikkommetti fuqhom.[5] Tghid li mal-minuri ic-centru tas-sahha mar ukoll pulizija u mar adult. Taqbel li l-imputata bdiet tghid li l-ex taghha kien gej minn access twil minn mat-tifel minn Sqallija. Qaltilha hin minnhom li meta jigi mill-access minn mal-missier qed ikollu dawn it-tipi ta' episodji u li hija kitbet kollox fir-rapport. Tikkonferma li taghtha id-drittijiet legali taghha ghal diversi drabi u tqabel li l-avukat taghha kien spjgalha li hija, ossija l-imputata, kienet ghaddejja minn zmien

[5] Folio 36 tal-process.

difficili ta' depressjoni. Tghid li l-body cam kienet mighxulha f' kull hin.[6]

Xehed **PC 2430 Neil Farrugia** nhar is-27 ta' Ottubru 2023 fejn spjega li hu kien xoghol l-ghassa tar-Rabat fil-mument tal-allegat incident u sostna dak li sostniet is-surgent. Ossija li l-ewwel cemplet l-imputata u wara cempel l-ex taghha. Malli waslu fuq il-post l-imputata bdiet tghid: 'I*va soqt ghal fuqu. Soqt ghal fuqu*'. Huma bdew jifirdu liz-zewg partijiet. Jghid li l-minuri li kien fuq il-post beda jghid affarijiet sensittivi. Missieru qalilna li kien ircieva messagg minghand it-tifel fejn qallu li ma riedx joqghod ma' ommu. Jghid li l-imputata bdiet tghajjar lil ex taghha. Fuq il-post gie binhom l-iehor Jeremy Scerri li kien qed isuq mutur minghajr licenzja u insurance. Jghid li Jeremy beda jghidilhom li huma korrotti u li jaqbdu mieghu ghax mhux tifel ta' Ministru. Jghid li hu u PC 79 marru mal-minuri Ismael Scerri ic-Centru tas-Sahha fejn imbaghad irreferuh ghal Mater Dei u huma marru mieghu.

Kontro-ezaminat jghid li fil-11 ta' fil-ghodu ma kienx l-ghassa imma kien xoghol Ta' Qali. Jghid li qabel dan il-lejl qatt ma kien raha. Jaqbel li fejn toqghod l-imputata huwa sqaq fil-Buskett. Jghid li l-vettura ta' Joseph Scerri kienet aktar mahruga 'l barra pero' tal-imputata ma setetx tghaddi. Jghid li Joseph Scerri kien qed jipprova johrog mill-isqaq u tal-imputata kienet quddiemu.[7] Il-vettura tal-imputata kella tersaq bil-fors biex Joseph Scerri seta' jiccaqlaq bil-vettura tieghu. Jekk qalet xi diskors fuq it-tifel dan qalitu wara li ittiehed il-klinika tal-Mosta. Jichad li dak il-hin li kienu hemm huma Joseph Scerri beda jghajjat jew jghajjar lil martu. Jikkonferma li l-imputata bdiet tghid lil Jeremy Scerri biex jitlaq 'l hemm bil-mutur.

[6] Folio 38 tal-process.

[7] Folio 45 tal-process.

Xehed l-**iSpettur Roderick Attard** nhar is-7 ta’ Frar 2024 fejn qal li hu ircieva telefonata dwar l-incident u qal kif svolgew l-affarijiet minn naha tal-pulizija distrettwali. Hu esebixxa l-police card maqsuma, ircevuta tal-breathalyser u jikkonferma l-istqarrija tal-imputata. Ezebixxa ukoll kopja tal-bodycam footage[8].

Kontro-ezaminat jghid li fuq il-post huwa ma kienx mar.

Rega’ xehed l-ispettur Roderick Attard in kontro ezami u jikkonferma li fuq il-post ma marx. Jghid li ma jafx x’intqal kelma b’kelma fuq il-problemi psikjatrici tal-imputata. Jispjega li peress li kienet intoxicated ittiehdet il-health centre. Jghid li hu ma kienx mar skorta maghha.[9]

Xehdet **PS 2145 Graziella Camilleri** tghid li sabitha rrabjata ghar-ragel, ghal pulizija, tghajjat, tibki u storbju.[10] Tghid li Ishmael Scerri kien maghha qabel ma waslu huma. Tikkonferma li wara Ishmael Scerri ittiehed minn fuq il-post.

Regghet xehdet in kontro-ezami PS 2145 Graziella Camilleri nhar is-26 ta’ Gunju 2024. Tghid li lill-imputata mhux talli ma qaltilhiex fejn kien it-tifel izda ukoll talbitha d-digriet. Tghid li l-body cam ghafsitha 11.15 ta’ bil-lejl u mhux saghtejn wara kif hemm fil-filmat.[11] Issostni li mxiet mal-procedura u l-ewwel qaltilha li ma tihux pinnoli u wara qaltilha li tiehu. Qaltilha li binha qieghed l-isptar u sa fejn taf hija sptar wiehed hawn. Tghid li l-minuri gie akkumpanjat minn missieru u hu kien qed jitlob ghalih u mal-pulizija. Anki meta giet l-ghassa t-tifel qaltilha fejn qieghed. Hija sabbtet l-antiporta u ma kellix ghalfejn titfaghhulha l-biljett. Qalet li ma tafx li t-tifel jiehu xi kura. Tghid li anki barra

[8] Folio 50 tal-process.

[9] Folio 59 tal-process.

[10] Folio 60 tal-process.

[11] Folio 66 tal-process.

baqghet toffendiha.[12] Tghid li qabel hadet lill-imputata l-lock up, haditha l-clinic l-Furjana. Fl-ebda hin ma semmitilha l-isptar Mount Carmel.

Xehed **Jeremy Scerri** nhar is-26 ta' Gunju 2024 wara li inghata d-debita kawzjoni u drittijiet tieghu[13]. Jispjega li hu u huh kienu jghixu ma' ommu. Jghid li r-relazzjoni tieghu ma' missieru hija mhux tajba u ma' ommu tajba. Jghid li r-relazzjoni ma' huh hija tajba u suppost joqghod Hal-Qormi. Jghid li meta huh kien ikun hazin kien jiggieled ma' ommu. Meta kien ikun ma' missieru gieli kien jitlaq sew u gieli jigi hazin id-dar. Jghid li kien hemm hafna pulizija u ommu bdiet tikbi u mifxula. Jghid li meta wasal hu ra biss lil ommu u hafna pulizija. Jghid li l-pulizija ma riditx tghidilha mill-ewwel fejn kien huha. Tghid meta telqu l-pulizija, ommu baqghet inkwetata u marru l-ghassa u l-pulizija xorta ma qaltilhiex fejn kien huh. Jghid li l-pulizija keccietha 'l hemm. Jghid li mar lura d-dar b'taxi u dak in-nhar kellu 17. Jghid li l-Pulizija qaltilhom biss li huh kien qieghed l-isptar.

Kontro-ezaminat jghid li ommu ma kinitx fis-sakra. Jaqbel li s-surgent haditilha c-cavetta. Jghid li ommu ma kinitx fis-sakra meta kellimha hu. Ma jaqbilx li ommu qattghet il-karta l-ghassa u tefghatha lill-pulizija. Jghid li l-karta tefghatha mal-art u mhux f'wicc il-pulizija. Ma jaqbilx li is-surgent giet mghajjra. Jghid li hu u ommu bil-karrozza marru l-ghassa u saqet ommu. Jghid li jiftakar meta kienu l-Buskett li qalulha biex hija ma ssuqx ghax kienet fi stat ta' sakra.

**Ikkunsidrat:**

Fil-kawza **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** (App. Nru. 130/2002) deciz fid-9 ta' Settembru 2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli

[12] Folio 73 tal-process.

[13] Folio 77 tal-process.

Prim Imhallef Vincent DeGaetano intqal is-segwenti fuq l-artikoli 95 u 96.

**‘din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant seta jinstab hati skond it-tieni imputazzjoni, cioe` tar-reat ta’ attakk u resistenza skond l-Artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali. Dana l-artikolu jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun “persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku” (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku “tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti”. Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – “waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz”. Ghalkemm jista’ jinghad li Bianco kien inkarigat minn servizz pubbliku, din il-Qorti ma tarax kif jista’ jinghad li billi jiccekkja l-biljetti Bianco kien qed “jezegwixxi l-ligi” jew jezegwixxi “ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti”. Mhux kull min qed iwettaq servizz pubbliku qed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi.’**[14]

Imbaghad fil-kawza **Il-Pulizija vs Richard Tong** (App. Nru. 252/2015) deciza mill-Qorti tal-Appell per Onorevoli Imhallef Edwina Grima nhar it- 28 ta’ Gunju 2017 intqal:

**‘Illi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja, it-theddida jew l-offiza tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun**

[14] Pagna 3. Ara ukoll **Il-Pulizija vs John Mizzi** (App. Nru. 45/2003) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali per S.T.O. Vincent DeGaetano kif ukoll **Il-Pulizija vs Abdel Hamid Zakkaria** (Kump. Nru. 76/2018) deciza mill-Qorti tal-Magistrati per. Magistrat Dottoressa Donatella Frendo Dimech.

**qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:**

***"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."***

**Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat nexus bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika billi l-att materjali ma ikunx gie kommess filwaqt tal-qadi tal-funzjoni pubblika. Dan qed jinghad ghaliex l-appellanti donnu qed jikkontendi fl-aggravvju minnu imressaq illi dan ittheddid kellu isehh filwaqt li l-kuntistabbli kien qed jaqdi dmirijietu jew fil-mument li kien qed jipprocedi ghall-arrest tieghu. Dawn bir-rispett huma l-elementi mehtiega fil-ligi sabiex jisussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 u mhux ukoll l-artikolu 95 li ma jinnecessitax illi l-oltragg isir, kif inghad, fil-mument tal-qadi tal-funzjoni pubblika diment illi jigi ippruvat in-nexus bejniethom kif inghad.'**[15]

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Wayne Deguara** (App. Nru. 49/2020) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Jannar 2021 per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera gie spjegat:

**Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficcjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku. Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid: "This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his**

[15] Pagna 7.

**uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."**

**Sahansitra f'sentenza moghtija fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Giuseppe Borg jinghad:**

**"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza può sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacché gil reato può avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato".**

Aktar l'isfel tkompli tghid dik il-Qorti:

**Fir-rigward tas-sitt akkuza naxxenti mill-Artikolu 96, iridu jissusistu tliet elementi essenzjali minkejja li ukoll il-vitma irid ikun ufficcjal pubbliku.**

**1.Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew rezistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat. Il-Mamo jkompli jghid:**

***"It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders***

***of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith".***

**Fin-nuqqas ta' dan jista' jissussisti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95. Inoltre l-attakk jew rezistenza trid tkun necessarjament akkumpanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghall-htija taht din id-disposizzjoni tal-ligi.**

**2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficcjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku". Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioe' illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita' li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dan ir-reat illi l-vittma hija ufficcjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-mens rea ghal kummissjoni ta' dan ir-reat ikun nieqes.**
**3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew rezistenza kontra l-ufficcjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid:**

***"Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."***[16]

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tqis illi dan l-incident sehh f'zewg partijiet. L-ewwel parti sehhet ghal habta tal-11.30 ta' bil-lejl tal-25 ta' Lulju 2023 fejn il-

[16] Pagni 15 u 16.

partijiet cemplu ghall-assistenza tal-pulizija u irrikorrew go sqaq fil-Buskett ir-Rabat, fejn jirrizulta mill-atti li z-zewg vetturi tal-imputata u l-ex-zewgha Joseph Scerri kienu qed jostakolaw lil xulxin b'tali mod li milli jidher dan ta' l-ahhar ma setax jitlaq minn fuq il-post.

Jirrizulta ukoll mill-atti sodisfacentament li kienet l-imputata Marianna Scerri li bdiet tikser il-buon ordni u kienet fi stat ta' sokor tant li l-pulizija gustament hasset li ghandha tintervjeni. Dan kollu sar fil-prezenza ukoll tal-minuri li milli jidher diga' kien fi stat ta' paniku tant li sejjah lil missieru biex jiehdu minn fuq il-post.

It-tieni parti tal-incident kien dak li sehh xi tlett sieghat u nofs wara, ossija fit-3.30 ta' fil-ghodu tal-25 ta' Lulju 2023 meta l-imputata flimkien ma' binha l-kbir marru l-ghassa biex hija issir taf x'gara minn binha l-minuri. Il-Qorti ukoll hawnhekk tinsab sodisfatta li l-imputata ma gabitx ruhha sew mal-pulizija, specjalment ma' PS 2145 Graziella Camilleri billi qaltilha hafna diskors mhux xieraq fosthom li kienet 'qahba' u li tefghatilha l-biljett li taghtha f'wiccha wara li qattaghtu[17]. Ghamlu sew il-pulizija li meta raw hekk arrestawha u ghamlu ukoll sew li qabel ma' haduha l-lock up tal-Furjana, haduha biex tigi invistata ghand tabib fil-klinika.

Ghaldaqstant, din il-Qorti meta tara l-assjem tal-provi b'mod oggettiv tqis li l-akkuzi numru (1), tnejn (2) u erba' (4) gew sufficjentement ippruvati u allura l-Qorti ser issib lill-imputata hatja taghhom.

**Ikkunsidrat:**

---

[17] Ara ukoll fuq ingurja u theddid dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriiminali fil-kawzi: **Il-Pulizija vs Deborah Bugeja** (App. Nru. 202/2008) per Onorevoli Imhallef Joseph Galea Debono, **Il-Pulizija vs Eugenio Hili** (App. Nru. 117/2015) per Onorevoli Imhallef Giovanni M. Grixti, **Il-Pulizija vs Nicholas Dimech** (App. Nru. 333/2018) per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

Dak hawn fuq premess il-Qorti issa ser tghaddi biex tezamina l-akkuzi l-ohra pprezentati quddiemha mill-pulizija ezekuttiva pero' qabel xejn ghandu jinghad li wara li din il-Qorti rat in-nota a folio 117 et sequitur tal-process ipprezentata mill-imputata, l-Qorti tigbed l-attenzjoni li dak sostnut fin-nota mhux guramentat minn hadd u huwa fotokopja u konsegwentament din il-Qorti ma tistax taccettahom bhala prova tajba fil-kamp kriminali[18].

Minn naha l-ohra l-Qorti pjenament tikkondividi dak li qalet l-abbli avukat difensur li l-akkuza numru tlieta (3) bl-ebda mod ma tista' tirrizulta. Fir-rigward tal-imsemmija akkuza la xehed Joseph Scerri kif ukoll lanqas gew imressqa xi ircevuti jew provi dwar hsarat. Lanqas dell taghhom ma hemm fl-atti processwali!

Ghaldaqstant, l-imputata qed tigi liberata mill-akkuza numru tlieta (3).

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tinnota li t-test tan-nifs 'RAX 2' a folio 54 tal-process jindika li t-test **sar 00.51:32 data 26$^{th}$ July 2023** u l-livell tal-alkohol hu **0.76.2 ug/100ml**. Dan it-test jirrelata mal-allegat sewqan li gara l-Buskett u mhux ghal meta marret bil-vettura l-ghassa tar-Rabat xi tlett sieghat wara. Ma jidhirx li l-pulizija rawha issuq il-Buskett u kif inghad Joseph Scerri lanqas ingieb jixhed fuq il-fatti mertu ta' dawn il-proceduri. Zgur hu li l-vettura kienet go nofs sqaq u Joseph Scerri ma setax jghaddi. Di piu' hu kien cempel xi ftit minuti qabel u qalilhom li martu kienet sakkritu. Fuq il-post il-pulizija sabu lill-imputata li kellha riha ta' xorb, hija stess ammettiet li xorbot u di sua spontanja volonta mal-wasla tal-pulizija qaltilhom '**Jiena soqt fuqu**'. Wara li tawha d-drittijiet legali

[18] Ara il-Qorti tal-Appell Kriminali x' qalet fost l-ohra fil-kawzi: **Il-Pulizija vs Valentine Sciberras** (App. Nru. 224/2006) per Onorevoli Imhallef Joseph Galea Debono; **Il-Pulizija vs Raymond Azzopardi** (App. Nru. 215/2019) per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera u **Il-Pulizija vs Andrew Bean et.** (App. Nru. 42/2014) per Onorevoli Imhallef Aaron M. Bugeja.

taghha, l-agenti pubbliki issominisrawlha t-test tan-nifs li irrizulta fil-pozittiv.  Hija ukoll ammettiet is-sewqan fl-istqarrija taghha meta kienet fil-Buskett.

Minn dan il-kwadru l-Qorti ma ghandhiex dubbju li qabel ma waslu l-agenti tal-pulizija l-imputata kienet issuq il-vettura taghha u dan taht l-influenza tax-xorb u ghamlu sew li l-pulizija hadulha c-cwievet u ma hallewhiex issuq u wara akkumpanjawha gewwa r-residenza taghha li kienet tinsab ftit 'l boghod.

Ghaldaqstant, il-Qorti issib li anki l-hames (5) akkuza tirrizulta u dan fir-rigward tas-sewqan li sehh fil-Buskett biss.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti tishaq dwar ir-rispett li ghandhom ikollhom ic-cittadini lejn il-forzi tas-sigurta'.  Minghajr dubbju dan ir-rispett ma giex muri kif jixraq mil-imputata li wara kollox huma marru biex jghinuha ghax kienet hija li ghamlet l-ewwel telefonata.

Dwar il-piena li ghandha tigi skontata mill-imputata din il-Qorti tirrimarka li fil-kawza **Il-Pulizija vs Josianne Bonello** (App. Nru. 231/2002) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef Joseph Galea Debono gie enfazizzat:

**'Il-membri tal-Korp tal-Pulizija ghandhom xoghol difficli ferm u dan, kull ma jmur, qed isir aktar difficli, perikoluz u impenjattiv u ghalhekk huma ghandhom kull dritt li jistennew li jkollhom il-protezzjoni tal-ligi w tal-Qrati fl-esekuzzjoni legittima tad-doveri taghhom . Din il-Qorti hija altru milli konxja minn dan'[19].**

[19] Pagna 5.

Ukoll fil-kawza **il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) vs Youssef Rhouni** (App. Nru. 456/2017) deciza fis-27 ta' Frar 2019 per Onorevoli Imhallef Edwina Grima intqal:

***'Anzi ghal dak li jirrigwarda ir-reat mahsub fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali, il-Qrati taghna dejjem irritenew illi r-reat kommess kontra membri tal-korp tal-pulizija ghandhom jinghataw certa piz u dan ghandu jigi rifless fil-piena kif imposta li generalment tkun wahda karcerarja specjalemnt meta jkun hemm uzu ta' vjolenza jew resistenza qawwija'.***[20]

Fl-ikkalibrar tal-piena l-Qorti qed tikkunsidra s-segwenti fatturi:

1. Il-fedina penali netta tal-imputata;
2. In-nuqqas tal-imputata li tikkollabora mal-pulizija pero' tal-anqas uriet dispjacir  waqt l-istqarrija;[21]
3. Il-fatt li l-agir taghha sar quddiem uliedha;
4. Il-fatt li l-agir taghha seta kien influenzat bi preokkupazzjoni ghal x'kien qed jigri u fejn kien il-minuri.

Il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz il-piena idoneja hija wahda tal-multa.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(bb), 339(1)(e), 325(1)(b), 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikoli 15A u 15B(1), 15H(1)(a) u 15H(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib l-imputata **MARIANNA SCERRI HATJA**

[20] Ara ukoll f' dan is-sens **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Rita Zammit** (App. Nru. 477/2017) deciza fil-21 ta' Mejju 2019 per Onr. Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

[21] Folio 18 tal-process.

tal-akkuzi numru wiehed (1), tnejn (2), erbgha (4) u hamsa (5) filwaqt li qed tilliberaha mill-akkuza numru tlieta (3) u qed tikkundannaha multa ta' tmien mija u hamsin Ewro (€850) ghal dak li jirrigwarda l-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba' (4) akkuza filwaqt li qed tikkundannaha elf u tmien mitt Ewro (€1,800) fuq il-hames akkuza kif ukoll tiskwalifikaha milli jkollha licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur mil-lum.[22]

Il-multa komplessiva ta' elfejn u sitt mija u hamsin Ewro (€2,650) tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Ewro (€100) fix-xahar pagabbli b'mod konsekuttiv u interrot bl-ewwel pagament irid isir sa l-ahhar ta' Frar 2025 altrimenti konvertibbli fi zmien ta' prigunerija skond il-ligi.

Barra minn dan biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' PS 2145 Graziella Camilleri kif ukoll sabiex jinzamm il-bon ordni flimkien mal-piena qed tobbliga lill-hatja b'obbligazzjoni ta' **elf Ewro (€1,000)** favur Ps 2145 Graziella Camilleri **ghall-perjodu ta' tnax-il xahar mil-lum** ai termini tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din l-ordni u obbligazzjoni ma ghandix tigi fis-sehh kemm-il darba l-imputata jkollha l-htiega li tirrikorri ghall-ghajnuna ta' l-istess surgent PS 2145 Graziella Camilleri.

Peress li ma kienx hemm spejjez u lanqas hatra ta' periti f'dawn il-proceduri l-Qorti mhix ha tiehu l-ebda provvediment taht l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat lill-hatja fi kliem car u semplici l-obbligi taghha taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk hija ma tonorax l-istess.

---

[22] Ar rigward il-ksur talpartikolu 95 tal-Kap 9 il-minimu huwa ta' Ewro 800 sa massimu ta' Ewro 5,000 filwaqt li ghal ksur tal-artikoli 15A u 15B(1) il-multa tassattiva hija ta' Ewro 1,800 u is-sospensjoni tal-licenzja hija ta' 6 xhur.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema online tal-Qrati minnufih.

Moghtija llum 29 ta’ Jannar, 2025 fil-bini tal-Qorti f’Malta.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Roberto Muscat
Deputat Registratur